ŻEBBUĠ

**Minuti tal-Laqgħa tat-12/07/2010**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, it-12 ta' Lulju 2010**

**Ħin: Fit-8.15 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joe Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sindku qal fl-aħħar laqgħa kien kostrett li jissospendi l-laqgħa u peress li kien intilef il-*quorum*, hu aġġorna għall-lum għall-kontinwazzjoni tal-laqgħa.

## SEJĦA GĦALL-OFFERTI

### ŻAMMA U MANUTENZJONI TA' TOROQ LI JAGĦTU AĊĊESS U OĦRAJN LI JAGĦTU AĊĊESS BISS U TOROQ PEDONALI

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bi tweġiba għall-ittra tal-Kunsill dwar l-offerti mitfugħa u r-rapport tal-Perit.

Il-Kunsillier Debono qal jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jerġa' joħroġ l-offerta, l-offerenti li diġa tefgħu l-offerta tagħhom għandhom jingħataw sett ta' dokumenti b' xejn.

Id-Deputat Sindku qal il-Perit kellu joħroġ gwida bħal ma diġa għamel fil-passat dwar l-istess offerta.

Fuq proposta tas-Sindku, kien maqbul li tinżamm laqgħa mal-Avukat u l-Perit tal-Kunsill.

### PROVVISTA U INSTALLAZZJONI TA' APPARAT TAL-*PLAYIING FIELD*

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet it-tlett kwotazzjonijiet sottomessa għall-provvista u installazzjoni ta' apparat tal-*playing field*; kwotazzjonijiet ta' OPAL, M. Quip Co Ltd u JGC Ltd.

Wara li l-Kunsill evalwa d-dokumenti kollha sottomessa, il-Kunsill għażel Option 18 Item no.1 ta' JGC Ltd.

Il-Kunsill approva li jsir pavimentar quddiem il-*bus shelter* ta' Triq il-Wied.

Il-laqgħa ntemmet fl-9.45 ta' filgħodu.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
**Sindku**

**Diane Tagliaferro**
**Segretarja Eżekuttiva**